MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1202/1998/1

***Formosa & Camilleri Limited* bħala aġenti Malta tas-sojetà *Guardian Royal Exchange Assurance p.l.c. proprio* u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha *Michael Attard Limited***

***Versus***

***Seamalta Company Ltd* u *The Cargo Handling Company Ltd***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi, li hija soċjetà assikuratriċi, qiegħda tfittex li tieħu mingħand il-konvenuti spejjeż li ħallset lill-assikurat tagħha għall-ħsara li saritlu mill-konvenuti.

**1. Iċ-Ċitazzjoni**

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fis-7 ta' Ġunju 1997 is-soċjetà *Michael Attard Limited* kienet daħħlet f'Malta fuq il-bastiment *M.V. Pinto* konsenja ta' wieħed u sebgħin (71) vettura tal-marka *Peugeot* li waslu bi ħsarat u nuqqasijiet. Billi l-vetturi kienu assikurati mas-soċjetà attriċi, din

ħallset, għan-nuqqas u għall-ħsarat li ġarrab l-importatur, is-somma ta' erba' mija u tmienja u erbgħin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm448.20), u erbgħa u erbgħin lira (Lm44) oħra bħala *survey fees*, b'kollox erba' mija u tnejn u disgħin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm492.20), u ġiet surrogata fid-drittijiet ta' l-importatur.

Billi qiegħda tgħid li l-konvenuti, jew xi waħda minnhom, jaħtu għal dan it-telf, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid li l-konvenuti għandhom iwieġbu, jew tgħid min minnhom għandu jwieġeb, għan-nuqqas u għall-ħsarat li għalihom għamlet tajjeb l-attriċi;
2. tillikwida d-danni fis-somma ta' erba' mija u tnejn u disgħin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm492.20); u
3. tikkundanna lill-konvenuti, jew tikkundanna lil min minnhom jaħti, iħallsu s-somma ta' erba' mija u tnejn u disgħin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm492.20) imfissra fuq, flimkien ma' l-ispejjeż u l-imgħax minn dak in-nhar li kienet notifikata ċ-ċitazzjoni.

## 2. L-EĊĊEZZJONIJIET

Is-soċjetà konvenuta *The Cargo Handling Company Limited* ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. it-talbiet safejn magħmula kontra l-eċċipjenti għandhom jiġu miċħuda għax il-merkanzija tniżżlet minn fuq il-bastiment bil-ħsara, kif jixhdu t-*tally sheets*;
2. għandha tiġi esebita l-polza ta' assikurazzjoni u ssir ukoll prova tal-ħlas lill-assikurat;
3. trid issir il-prova illi l-ħsarat u n-nuqqasijiet ġraw waqt illi l-vetturi kienu f'idejn is-soċjetà eċċipjenti u illi ngħataw lilha bla ħsara u nuqqasijiet;
4. ir-regolament 70 tar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet dwar *unit loads* u *unitised cargo* jeħles lis-soċjetà eċċipjenti minn kull responsabbiltà;
5. ir-regolament 90 u l-iskeda 13 tar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet ukoll jeħilsu lis-soċjetà eċċipjenti minn kull responsabbiltà;
6. is-soċjetà eċċipjenti ma taħtix għall-ħsarat u għan-nuqqasijiet għax qdiet l-obbligi kollha li tqiegħed fuqha l-liġi;
7. id-danni mitluba fiċ-ċitazzjoni huma wisq, u s-soċjetà attriċi trid turi kif waslet għal dik is-somma;

8. ebda mgħax ma hu dovut għax is-soċjetà eċċipjenti qatt ma kienet imsejħa biex tħallas xi danni u, ladarba din hija kawża ta' danni, il-likwidazzjoni ssir bis-sentenza; u
9. it-talbiet tas-soċjetà attriċi, safejn magħmula kontra s-soċjetà eċċipjenti, għandhom jiġu miċħuda.

Is-soċjetà konvenuta l-oħra, *Sea Malta Company Limited*, ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. id-danni ma jirriżultawx mit-*tally sheet*;
2. l-eċċipjenti hija meħlusa mir-responsabbiltà taħt klawsola ta' esoneru stipulata fil-polza tal-kariku; u
3. it-talba tas-soċjetà attriċi għandha tiġi miċħuda.

### 3. Il-Fatti tal-Każ

Il-fatti ta' dan il-każ ġraw hekk: is-soċjetà *Michael Attard Limited* daħħlet f'Malta wieħed u sebgħin (71) vettura tal-marka *Peugeot* fuq il-bastiment *Pinto* tas-soċjetà konvenuta *Sea Malta Company Limited*. Il-polza tal-kariku turi li l-vetturi li tgħabbew kienu "*new vehicles in good starting condition*" [1].

Meta l-vetturi twasslu Malta u tniżżlu minn fuq il-bastiment fit-8 ta' Ġunju 1997, sar *tally*[2] u nstabu xi nuqqasijiet. Wara li tniżżlu minn fuq il-bastiment, il-vetturi ttieħdu f'idejn is-soċjetà konvenuta *The Cargo Handling Company Limited* u ngħataw lill-importatriċi fid-9 ta' Ġunju 1997; mill-*gate pass-out* relativ jidher illi kien hemm aktar ħsarat u nuqqasijiet[3]. Qabel ma l-vetturi ttieħdu mis-soċjetà importatriċi, sar *survey*[4] u wara saru wkoll it-tiswijiet meħtieġa li ġew jiswew erba' mija u tmienja u erbgħin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm448.25)[5]. Is-soċjetà attriċi, bħala assikuratriċi, għamlet tajjeb għal dawn il-ħsarat u kienet surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat[6].

L-attriċi qiegħda titlob ukoll erbgħa u erbgħin lira (Lm44) bħala *survey fee*: erba' liri (Lm4) għal kull waħda mill-ħdax-il (11) karrozza li kellhom ħsarat jew nuqqasijiet.

### 4. Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

---

1 *Fol.* 20.

2 *Fol.* 29 u *fol.* 34.

3 *Fol.* 16.

4 *Fol.* 4.

5 *Foll.* 5 *et seq.*

6 *Fol.* 15.

Ix-xiehda, mela, juru li l-vetturi tgħabbew bla ħsara fuq il-bastiment, niżlu minn fuq il-bastiment b'xi nuqqasijiet, u bejn il-waqt li niżlu minn fuq il-bastiment u l-waqt meta ngħataw lill-importatriċi, sarulhom aktar ħsarat u nuqqasijiet. B'kollox, kien hemm il-ħsarat u n-nuqqasijiet kollha li jidhru fuq l-*invoice* ta' l-importatriċi.

**4.1 L-eċċezzjonijiet ta' *The Cargo Handling Company Limited***

Kien hemm ħsarat u nuqqasijiet li ġraw wara li l-vetturi tniżżlu minn fuq il-bastiment iżda qabel ma ngħataw lill-importatriċi għax is-*surveyor* rahom fuq il-moll stess. Dan ifisser li dawn il-ħsarat u nuqqasijiet ġraw waqt li l-vetturi kienu f'idejn is-soċjetà *The Cargo Handling Company Limited* u jfisser ukoll li din naqset mill-obbligazzjoni kuntrattwali tagħha li tħares sew il-vetturi waqt li dawn kienu fdati fil-kustodja tagħha: ladarba *The Cargo Handling Company Limited* ma għamlitx dak li kien meħtieġ biex tħares ħwejjeġ ħaddieħor fdati f'idejha, għandha twieġeb għal dan in-nuqqas, u t-tielet u s-sitt eċċezzjonijiet tagħha huma għalhekk miċħuda, u l-ewwel eċċezzjoni tista' tintlaqa' biss dwar dawk in-nuqqasijet li ġraw qabel ma l-vetturi ġew f'idejn *The Cargo Handling Company Limited*.

It-tieni eċċezzjoni trid li tkun esebita kopja tal-polza ta' assikurazzjoni li taħtha sar il-ħlas mill-attriċi lill-assikurata tagħha, u trid ukoll prova tal-ħlas mis-soċjetà attriċi lill-importatriċi.

Il-polza ta' assikurazzjoni hija kuntratt bejn l-assikuratur u l-assikurat, u ma tinteressax lil terzi. Kull ma jinteressa lill-konvenuti hu li l-attriċi ħallset lill-assikurata u kienet surrogata fid-drittijiet tagħha. Din il-prova saret bis-*subrogation form*[7] li biha l-importatriċi stqarret li qiegħda tirċievi ħlas mingħand is-soċjetà attriċi, u għalhekk issurrogatha fid-drittijiet tagħha.

It-tieni eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda wkoll.

Ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet huma mibnija fuq ir-regolamenti 70 u 90 tar-Regolamenti dwar il-Portijiet. Dawn ir-regolamenti, iżda, ma jeħilsux lill-konvenuta mir-responsabbiltà għall-ħsara u għan-nuqqasijiet: ir-regolament 70 igħid biss kif għandhom jinħarġu r-riċevuti

7 *Fol.* 15.

iżda ma jgħid xejn dwar ħelsien minn responsabbiltà, waqt li r-regolament 90 igħid li l-merkanzija tinħażen *in the open and always at the sole risk of the owner.* Dan ir-regolament, iżda, jolqot biss ir-relazzjonijiet bejn l-awtoritajiet u l-importatur, u mhux ir-relazzjonijiet bejn *The Cargo Handling Company Limited* u l-importatur[8], li huma ta' natura kuntrattwali. Ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet huma, għalhekk, miċħuda.

Is-seba' eċċezzjoni trid prova dwar il-*quantum* tad-danni. Din il-prova saret bl-*invoice* ta' l-importatriċi[9].

It-tmien eċċezzjoni tgħid illi l-konvenuta ma għandhiex tħallas l-imgħaxijiet.

Dwar l-imgħax, il-qorti ma tarax għala min jikkontesta talba għalkemm jaħti għall-ħsara, u għalhekk iżomm f'idejh sakemm iddum il-kawża flus li jmissu lil ħaddieħor, għandu jkun stmat aħjar minn min jistqarr il-ħtija tiegħu u jħallas mill-ewwel. Min jieħu r-riskju li jikkontesta kawża, u għalhekk itawwal iż-żmien tal-ħlas, għandu jwieġeb għall-konsegwenzi kollha tad-dewmien.

L-eċċezzjoni dwar l-imgħax hija għalhekk miċħuda, u hija wkoll miċħuda l-aħħar eċċezzjoni, li tgħid illi t-talbiet huma "infondati fil-fatt u fid-dritt", għax il-provi, kif rajna, juru xort'oħra.

**4.2 L-eċċezzjonijiet ta' *Sea Malta Company Limited***

Is-soċjetà konvenuta l-oħra *Sea Malta Company Limited* għandha tħallas biss tan-nuqqasijiet li ġraw waqt li l-vetturi kienu f'idejha— *set* ta' *wipers* u *Peugeot logo*— u s-*survey fees* relativi. Il-klawsoli ta' eżoneru li fuqhom qiegħda tistrieħ fit-tieni eċċezzjoni tagħha ma jeħilsuhiex mir-responsabbiltà, kemm għax il-*wipers* u l-*logo* ma humiex "*accessories left inside vehicles*" u kif ukoll għax dawn il-klawsoli jistgħu biss jaqilbu l-oneru tal-prova fuq is-soċjetà attriċi biex din turi li l-ħsara ġrat waqt li l-vetturi kienu f'idejn is-soċjetà konvenuta. Ġà rajna, iżda, li s-soċjetà attriċi wriet, permezz tal-polza tal-kariku, li l-vetturi ttellgħu bla ħsara u bla nuqqasijiet fuq il-bastiment, u wriet ukoll, permezz tat-*tally sheet*, li xi wħud minnhom niżlu

---

8 Ara **Joseph Felice Pace *nomine versus* Godwin Abela *nomine***, Qorti tal-Kummerc, 2 ta' Mejju 1989, Vol. LXXIII.IV.948.

9 *Foll.* 5 *et seq.*

b'nuqqasijiet. Il-prova li l-ħsara ġrat waqt li l-vettura kienet f'idejn is-soċjetà konvenuta, għalhekk, għamlitha.

Il-*wipers* u l-*logo* neqsin li għandha twieġeb għalihom *Sea Malta Co. Ltd* jiswew, b'kollox, sittax-il lira u għaxar ċenteżmi (Lm16.10). Billi dawn in-nuqqasijiet kienu fuq żewġ vetturi, sehem is-*Sea Malta Co. Ltd* mis-*survey fees* huwa ta' tmien liri (Lm8): b'kollox erbgħa u għoxrin lira u għaxar ċenteżmi (Lm24.10).

Il-ħsarat l-oħra, li ma sarux waqt li l-vetturi kienu f'idejn din is-soċjetà, ma tħallasx għalihom hi. Il-qorti qiegħda għalhekk tiddisponi wkoll mill-ewwel eċċezzjoni ta' *Sea Malta Co. Ltd.*

Mela *Sea Malta Co. Ltd* għandha tħallas erbgħa u għoxrin lira u għaxar ċenteżmi (Lm24.10) bħala sehemha mid-danni, waqt li *The Cargo Handling Co. Ltd* għandha tħallas il-bqija, li tiġi erba' mija u tmienja u sittin lira u għaxar ċenteżmi (Lm468.10).

Il-qorti għalhekk tiddisponi mit-talbiet tas-soċjetà attriċi u mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi tgħid illi s-soċjetà *The Cargo Handling Company Limited* għandha tagħmel tajjeb għal danni ta' erba' mija u tmienja u sittin lira u għaxar ċenteżmi (Lm468.10), u għalhekk tikkundanna lil din is-soċjetà tħallas lis-soċjetà attriċi din is-somma, flimkien ma' l-imgħax skond it-talba; u tgħid ukoll li s-soċjetà *Sea Malta Company Limited* għandha tagħmel tajjeb għal danni ta' erbgħa u għoxrin lira u għaxar ċenteżmi (Lm24.10), u tikkundanna lil din is-soċjetà tħallas lis-soċjetà attriċi din is-somma, flimkien ma' l-imgħax skond it-talba.

L-ispejjeż jinqasmu hekk: dsatax-il parti minn għoxrin ($^{19}/20$) tħallashom *The Cargo Handling Company Limited* waqt li l-parti l-oħra minn għoxrin ($^{1}/20$) tħallasha *Sea Malta Company Limited*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------